TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 58/16/GB

**Marthese Minuti**

**vs**

**Clifton Borg**

Illum 11 ta' Mejju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Marzu, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lill-intimat ghal xogholijiat riparatorji fuq il-magna tal-hasil taghha, wara liema xogholijiet, il-magna tal-hasil baqghat ma tahdimx sew.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet cemplet lill-intimat ghaliex il-magna tal-hasil taghha kienet qed taghmel l-ilma u ttajjar s-*salvavita*. L-intimat kien ha l-magna l-*workshop* tieghu biex isewwieha, lejn l-ahhar ta' Awissu/bidu ta' Settembru 2015. Ha l-magna lura ghand ir-rikorrenti f'Ottubru, fejn hi hallsitu l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00), pero' meta hadmitha, regghat bdiet taghmel l-istess u ttajjar is-*salvavita*, u ghalhekk l-intimat rega' hadha lura. Zammha jumejn u meta gabha lura, regghat ghamlet l-istess, u cioe' tajret is-*salvavita*. Ghal darb'ohra, ir-rikorrenti regghat cemplet lill-intimat, fejn kull darba kien iwieghda li se jmur jara l-magna, izda fil-verita' kien imur huh. Il-partijiet kienu miftehmin ghas-17 ta' Novembru, izda l-intimat ma marx. Din il-procedura giet irrepetuta darbtejn, darba fl-24 ta' Novembru u darba fis-26 ta' Novembru. Appuntament iehor kien ghas-27 ta' Novembru, fejn kien mar hu l-intimat u r-rikorrenti kienet urietu li l-bieba tal-magna ma setghatx tinghalaq sew u li d-*drum* ma kienx qed idur sew (dan kollu apparti l-fatt li l-intimat kien hadilha r-roti ta' taht il-magna). Hu l-intimat kien beda

jipprova jaghlaq il-bieba tal-magna u spicca kiser bicca minn gewwa, u l-magna baqghat ma tahdimx.

Fl-24 ta' Frar 201, l-intimat kien cempel lir-rikorrenti fejn staqsiha ghalfejn kienet marret ghand tal-Konsumatur, u hi qaltlu ghaliex huwa ma kienx mexa' ta' nies maghha. L-intimat xtaq li jerga' jara l-magna biex isewwieha ghaliex sab li hemm parti fuq gewwa mid-*drum* li ried jirrangah, pero' r-rikorrenti qaltlu li hija xtaqet il-flus lura u li jekk ried seta' jiehu l-magna tal-hasil. Imbaghad l-intimat offra li hija tixtri magna tal-hasil minghandu bi prezz tajjeb hafna, fejn ir-rikorrenti regghat irrifjutat u qaltlu li riedet il-flus lura. Il-partijiet ftehmu li l-intimat kien ha jcemplilha l-ghada, pero' din it-telefonata qatt ma saret.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' email li baghtet lill-intimat, li giet immarkata bħala Dok.MM1; kopja tal-ittra reġistrata li bagħtet lill-intimat, li giet immarkata bhala Dok. MM2; ritratt, li gie mmarkat bhala Dok. MM3; u sett ta' dokumenti oħra, li flimkien gew immarkati bhala Dok. MM4.

Ir-rikorrenti ezebiet il-*part* li ħu l-intimat kisser mill-magna in kwistjoni, *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Xehed Aldo Minuti, prodott mir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimat, u ghalhekk, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrenti u jiehu lura l-*parts* li huwa nstalla fil-magna tal-hasil in kwistjoni, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**